MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 573/2012

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar il-hmistax (15) ta’ Ottubru tas-sena elfejn (2000) registrat bin-numru progressiv wiehed tmienja sebgha hamsa zbarra tas-sena elfejn (1875/2000) u minn dan iz-zwieg kellhom tifel bl-isem ta’ OB li llum ghandu ghaxar snin;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Vanessa Pool nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru elfejn u tlieta (2003) (Ara 'Dok. A' anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra l-intimata ffurmat relazzjoni ma ragel iehor li minnu ghandha tifel ta' disgha (9) snin;

Illi m'hemm ebda kwistjonijiet fuq hlas ta' manteniment bejn il-partijiet;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

(2) tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha ippremettiet :

Illi affacjata bir-rikors fuq indikat l-esponenti mhix sejra topponi ghar-rikjesta tar-rikorrenti li z-zwieg ta' bejnha u bejn ir-rikorrenti jigi xolt;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Novembru, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Ottubru, 2003 u li  ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda kwistjoni fuq il-hlas ta' manteniment bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------